MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 22/2014

**A B**
**vs**
**Avukat Dottor Alessandro Lia u l-PL Melissa Anastasi b'digriet tad-29 ta' Settembru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-assenti C B ( KI mhux maghruf)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrent ilu mizzewweg lill-konvenuta ghal erbatax-il sena (14), senjatament mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Ara Dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A');
2. Illi minn dan iz-zwieg huwa ma kellux ulied;

3. Illi ghalkemm mhux legalment isseparat minn ma martu, l-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar ghaxar snin (10);
4. Illi huwa gie abbandunat minn martu C B nee' Stavinschi madwar ghaxar (10) snin ilu, meta hija halliet id-dar matrimonjali u qatt ma rritornat lura u r-rikorrenti ma ghandux hjiel ta' fejn din qeghda tirrisjedi u lanqas m'ghandu kuntatt maghha;
5. Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma martu giet reza impossibli;
6. Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma martu;
7. Illi bl-eccezzjoni ta' vettura, m'hemmx assi ohra formanti l-kommunjoni tal-akkwisti stante illi d-dar matrimonjali kienet fond bil-kera;
8. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkissser irrimedjabbilment u sussidjarjament minhabba abbandun da parti tal-konvenuta u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha hija kienet hatja tal-firda;
2. Tawtorizza lir-rikorrent jghix sepatament mill-konvenuta;
3. Tordna l-qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;
4. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Alesssandro Lia u il-PL Melissa Anastasi, li permezz taghha eccepew :

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw

mal-imsemmija C B minnhom rapprezentata. F’dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex jipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmija C B sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghha;

2. Dwar it-tielet talba, l-attur ghandu jipprovdi valutazzjoni u/jew rendikont tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u, f’kaz li din il-Qorti tordna li l-assi jigu assenjati lill-attur, l-istess attur ghandu jiddepozita fir-registru tal-Qorti somma ekwivalenti ghal nofs il-valur dovut lill-esponenti in linea ta’ divizjoni;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Alesssandro Lia u il-PL Melissa Anastasi;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta’ hall taz-zwieg bejn il-partijiet fejn l-attur jikkontendi li z-zwieg tieghu mal-intimata tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess intimata.

Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti, ddikjaraw li m’humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f’kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTUR</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], l-attur jghid li ltaqa' mal-intimata meta kienet Malta fuq btala, peress li hi ta' nazzjonalita' Moldova. Jghid li kellhom relazzjoni normali b'dan li wara seba' xhur johorgu flimkien izzewgu. Jispjega li minhabba ragunijiet finanzjarji la sar festin taz-zwieg u lanqas marru ghal xi btala ta' qamar il-ghasel. Hadd mill-familjari taghha ma kien prezenti ghat-tieg. Marru jghixu ghall-ewwel fi proprjeta' tal-genituri tieghu izda mbaghad krew post u baqghu jghixu fil-kera, b'dan li anke l-ghamara li kien hemm fl-istess post kienet ta' sid il-kera. Jiddikjara wkoll li fiz-zwieg ma kellhom ebda assi ghaliex hu kellu paga baxxa filwaqt li martu ma kienitx tahdem.

Jispjega li darba fost l-ohrajn mar ghax-xoghol bhas-soltu u meta rritorna lura d-dar innota li martu ma kienitx hemm. Kienet hadet hwejjigha maghha u anke l-passaport kien nieqes. Jghid li baqghet qatt ma regghet giet lura. Hu pprova jaghmel kuntatt maghha pero' ma stabbilixxiex kuntratt ghaliex anke n-numru tat-telefon biddlet. Jaghlaq billi jghid li baqa' jistenna r-ritorn taghha hawn Malta pero' dan qatt ma sehh. Qatt ma ghamlet kuntatt mieghu u donnha sparixxiet fix-xejn b'dan li f'dawn l-ahhar hdax (11) –il sena li ilha li telqet mid-dar qatt ma stabbilixxa kuntatt maghha.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI</u>**

Il-qorti tirrileva li jirriżulta li l-partijiet izzewgu nhar l-1 ta' Lulju 1999 gewwa r-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta[2].

[1] Esebit a fol 39 tal-process

[2] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 tal-process

Illi permezz tan-nota guramentata tieghu,[3] ir-rikorrent isostni li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tigi attribwita lill-intimata abbazi ta' abbandun li sehh aktar minn ghaxar (10) snin ilu *stante* li telqet mid-dar matrimonjali u qatt ma regghet irritornat. Jiddikjara li filwaqt li mhux qed jaghmel talba ghal manteniment, l-intimata assenti ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt ta' manteniment taghha abbazi tal-istess abbandun. Jghid ukoll li l-unika ass li hemm formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hija vettura tat-tip Hyundai Accent GLS bin-numru ta' registrazzjoni HBF 931 li fiz-zmien tal-istess nota kellha valur approssimattiv ta' €1600[4].

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-HALL TAZ-ZWIEG JEW SEPARAZZJONI PERSONALI</u>**

L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', il-qorti trid tkun sodisfatta li:

***(a)"Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b)Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c)Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.."***

[3] Esebita a fol 29 tal-process

[4] Ara d-dokument anness man-nota guramentata esebit a fol 31 tal-process

Iil-qorti tirrileva li mix-xiehda tal-attur, li bl-ebda mod m'hija kontradetta (ghalkemm irid jinghad li ma tressqu ebda provi da parti tal-kuraturi deputati) il-partijiet ilhom jghixu separatament ghal ħdax (11) –il sena u fuqhom. Mix-xiehda tal-attur jirrizulta li l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba` snin u konsegwentement l-ewwel kriterju tal-ligi huwa sodisfatt. Il-fatt li l-istess intimata donnha sparixxiet ghaliex qatghet kull forma ta' kuntratt mal-attur iwassal lil din il-qorti ghall-konkluzjoni li m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn l-istess partijiet. Dan qiegħed jingħad anke abbazi tal-fatt li l-istess intimata ilha li abbandunat id-dar matrimonjali ghal snin twal u qatt ma regghet irritornat. *Stante* li m'hemm ebda talba ta' manteniment da parti tal-attur u *stante* li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali taghha flimkien ma' zewgha u konsegwentement iddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment, allura jirrizulta li m'hemm ebda raguni valida ghaliex t-talba ghall-hall taz-zwieg m'ghandhiex tigi milqugha.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-qorti tirrileva li l-unika ass formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tidher li hija vettura tat-tip Hyundai Accent GLS bin-numru ta' registrazzjoni HBF 931. Tenut kont tal-fatt li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali u lil zewgha, l-qorti thoss li huwa ekwu li l-istess vettura tghaddi u ssir il-proprjeta' esklussiva tal-attur b'dan li kull licenzja relattiva ghandha tinqaleb ghal fuqu wkoll u kwalunkwe dejn relattiv mal-istess vettura ghandu jigi mhallas mill-attur. Kwantu ghall-kontijiet bankarji, l-qorti thoss li kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isimha. Dan qiegħed jinghad minkejja li l-attur jiddikjara li l-vettura msemmija aktar 'il fuq hija l-unika ass li ghandhom il-partijiet bejniethom.

**<u>DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMATA</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, id-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu”.

Il-qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-intimata hija hatja ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet minhabba l-abbandun totali li hija kkommettiet u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimata l-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet minhabba abbandun da parti tal-intimata;

[2] Tilqa’ t-tieni talba u tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament mill-konvenuta;

[3] Tilqa’ it-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat ‘Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti’ u konsegwentement tordna li l-vettura tat-tip Hyundai Accent GLS bin-numru ta’ registrazzjoni HBF 931 tigi assenjata b’titolu ta’ proprjeta’ assoluta lir-rikorrent. Tali vettura qed tigi assenjata lill-attur b’dan li kull licenzja relattiva ghandha tinqaleb ghal fuqu wkoll u kwalunkwe dejn relattiv mal-istess vettura ghandu jigi mhallas mill-attur. Kwantu ghall-kontijiet bankarji, kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet bankarji intestati f’isimha. Għal dan il-għan, il-qorti qed tinnomina lil u lil bħala kuraturi deputati sabiex jidhru f’isem l-intimata assenti f’każ li jkun hemm bzonn xi firma da parti tal-intimata sabiex dak assenjat lill-partijiet jigi effetwat fir-realta’;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

[5] Tilqa’ l-ħames talba

Bl-ispejjez kontra l-intimata b'dan li kwalunkwe spejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jigu sapportati provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------